31982D0913

31.12.1982 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 381/28

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tas-16 ta' Diċembru 1982
## dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel u tan-Namibja approvati għall-iskop ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità.

(82/913/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tal-ispezzjoni tas-saħħa u veterinarji mal-importazzjoni ta' l-annimali tal-ifrat u tal-majjali u ta' laħam frisk minn pajjiżi terzi ([1]), u partikolarment Artikoli 4(1) u 18 (1) (a) u (b) tagħha,

Billi l-istabbilimenti f'pajjiżi terzi ma jistgħux ikunu awtorizzati li jesportaw laħam frisk lejn il-Komunità sa kemm ma jkunux jissodisfaw il-kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fid-Direttiva 72/462/KEE;

Billi l-awtoritajiet kompetenti kienu ppreżentaw, bi qbil ma' Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, lista tal-istabbilimenti awtorizzati li jesportaw lejn il-Komunità;

Billi l-Komunità waqt żjajjar fuq il-post kienet wriet li s-standards iġeniċi ta' ħafna minn dawn l-istabbilimenti huma suffiċjenti u għalhekk jistgħu jiddaħlu fl-ewwel lista, stabbilita bi qbil ma' Artikolu 4(1) ta' l-imsemmija Direttiva, ta' stabbilimenti li minnhom l-importazzjoni ta' laħam frisk tista tkun awtorizzata;

Billi fil-każ ta' stabbilimenti oħrajn kif ipproponuti mill-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid fuq il-bażi ta' nformazzjoni addizzjonali rigward is-standards ta' l-iġene tagħhom u dwar l-abilità tagħhom li jadattaw malajr għal-leġislazzjoni tal-Komunità;

Billi, sadattant, u hekk biex jevitaw xi interuzzjoni għall-għarrieda dwar in-nixxijiet eżistenti tal-kummerċ, dawn l-istabbilimenti jistgħu jkunu awtorizzati temporanjament li jkomplu bl-esportazzjoni tagħhom ta' laħam frisk lejn dawk l-Istati Membru mħejjija li jaċċettawhom;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li jkun eżaminat mill-ġdid u, jekk meħtieġ, li tkun emendata din id-Deċiżjoni fid-dawl ta' miżuti meħuda għal dan l-iskop u l-iżviluppi li jkunu seħħew;

Billi għandu għalhekk ikun imfakkar li l-importazzjoni tal-laħam frisk huma wkoll suġġetti għal-leġislazzjoni veterinarja l-oħra tal-Komunità, partikolarment f'dak li jirrigwardja l-ħtiġiet tal-protezzjoni tas-saħħa, inklużi d-dispożizzjonijiet speċjali għad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit;

Billi l-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti li jidhru fil-lista annessa ma' din id-Deċiżjoni preżenti jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet stabbiliti x'imkien ieħor u għad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat; billi, partikolarment, l-importazzjoni minn pajjiżi terzi u l-esportazzjoni mill-ġdid lejn l-Istati Membri l-oħrajn ta' ċerti kategoriji ta' laħam, laħam bħal dak jiżen anqas minn 3 kilogrammi, jew laħam li jkun fih residwi ta' ċerti sustanzi li għad m'humiex koperti b'regoli armonizzati tal-Komunità, jibqgħu suġġetti għal-leġislazzjoni tas-saħħa tal-Istat Membru li jimporta;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-istabbilimenti fl-Afrika t'Isfel u fin-Namibja elenkati fl-Anness huma b'hekk approvati għall-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunitrà permezz ta' l-imsemmi l-Anness.

2. L-importazzjoni mill-istabbiliment riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet veterinarji tal-Komunità, kif stabbiliti x'imkien ieħor u, partikolarment, dawk konċernati bil-ħtiġiet tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni ta' laħam frisk li jkun ġej minn stabbilimenti apparti minn dawk elenkati fl-Anness.

2. B'dana kollu, il-projbizzjoni li hemm provediment dwarha fil-paragrafu 1 m'għandhiex tkun tapplika sa l-1 ta' Awissu 1983 għall-istabbilimenti li ma humiex elenkati fl-Anness imma li ma kienux uffiċjalment approvati u proposti mill-awtoritajiet kompetenti sa mis-16 ta' Awissu 1982 permezz ta' Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, sa kemm deċiżjoni ma tkunx ittieħdet bil-maqlub ta' dan, bi qbil ma' Artikolu 4(1) tad-Direttiva msemmija hawn fuq, qabel l-1 ta' Awissu 1983.

([1]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-lista ta' dawn l-istabbilimenti lill-Istati Membri.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun tapplika sa mill-1 ta' Jannar 1983.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta u jekk meħtieġ emendata qabel l-1 ta' Mejju 1983.

*Artikolu 5*

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 1982.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**LISTA TA' STABBILIMENTI**

I. LAĦAM TA' L-IFRAT

A. **Biċċeriji u fondi ta' fejn isir it-tqattiegħ**

| Stabbiliment Nru | Stabbiliment | Indirizz |
|---|---|---|
| 23 | Karoo Meat Packers | Okahandja, Namibia |
| 25 | Damara Meat Packers | Otavi, Namibia |
| 30 | Il-Biċċerija ta' Johannesburg | City Deep, Transvaal, RSA [1] |
| 47 | Ikel tal-Marka Bull | Krugersdorp, Transvaal, RSA |

B. **Fondi tat-tqattiegħ**

| | | |
|---|---|---|
| 61 | Il-Bord tal-Kontroll tal-Laħam | Cape Town, Cape Province, RSA |
| 62 | Il-Fornituri Nazzjonali tal-Laħam | Cape Town, Cape Province, RSA |
| 69 | Karoo Meat Packers | Cape Town, Cape Province, RSA |
| 83 | Il-Maħżen tas-Silġ Blue Continent | Cape Town, Cape Province, RSA |
| 87 | Maħżen tas-Silg Rand | City Deep, Transvaal, RSA |
| 9 | Laħmijiet bl-ingrossa | Durban, Natal, RSA |

II. IMĦAŻEN TAS-SILĠ

| | | |
|---|---|---|
| 4 | Maħżen tas-Silġ, Table Bay | Cape Town, Cape Province, RSA |
| 84 | Maħżen tas-Silġ, Maydon Wharf | Durban, Natal, RSA |
| 90 | Maħżen tas-Silg, Epping | Cape Town, Cape Province, RSA |
| 94 | Maħżen tas-Silġ, Walvis Bay | Walvis Bay |

(1) RSA = Ir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel